# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Zawwarin fl-Art Imqaddsa** — Ma' tul is-sajf li għadda, għadd kbir ta' nies minn wisq inħawi tad-dinja, marru jżûru l-Imkejjen Imqaddsa tal-Palestina. Il-għadd taż-żawwarîn uħud weħedhom, oħrajn f'ġemgħât, li resqu għand il-Franġiskâni u kienu mgħejjunin minnhom, jinħaseb li kienu fuq is-sitt elef (6,000). Barra minn dawn trîd iżżid ħafna elûf oħra li marru wkoll iżûru l-Art Imqaddsa, u li kienu mgħejjûna minn Irħieb oħrajn, li bħal issa huma wkoll għandhom id-Dejr f'Ġerusalem.

**Quddiesa Kbira għal paci** — Fil-knisja l-kbîra tad-Dejr tal-Franġiskani ta' San Salvatûr f'Ġerusalem il-qadîma, tqaddset quddiesa kbîra mir-Rev.mu Patri Kustodju, P. Alfredu Polidori O.F.M., bħala talba 'l Alla biex fid-dinja tarġa' tissaħħaħ is-sliema bejn il-ġnus, li bħal issa qegħda f'tiġrib mill-akbar. Għal dîn il-quddiesa ħadru għadd kbir ta' Nsâra minn Ġerusalem u kotra ta' qassisîn u rħieb li jgħammru fin-naħa Għarbija tal-Belt Imqaddsa. Il-quddiesa, li kienet b'mużka mill-isbaħ, ġiet imsemmgħa bir-*Rediffusion* mal-pajjiż kollu tal-Ġordânja.

**Taħfir u Kxif f'Qajsarija** — Fil-belt qadima ta' Qajsarija (Caesarea — Philisti), ftit 'l isfel minn Ħajfa, fuq xatt il-baħar Mediterrân, minn sena 'l hawn għiejed isîr it-taħfîr, u sâru kixfiet li qabel ħadd ma kien jobsor bihom. Insemmu biss li qalb il-ħerba tal-belt ta' żmien is-Salibijin, inkixfet knisja kbîra Nisranija, b'ġiebja qrîb tagħha, u dar sħiħa, mirduma, li jonqosha biss is-saqaf. Il-knisja għad m'hux magħruf sew kemm kienet kbîra, imma jidher li tûlha kien fîh xi għaxriet ta' metri. L-art tal-knisja kienet miksija bir-rħâm imżewwaq, maħdum f'disinni tal-ġeometrija. Il-ġiebja fiha tûl ta' ħmistaxer metru, u għemîqa sebgħa, u tinfed mal-knisja minn taħt l-art.

**Qana tal-ilma qrib Betlehem** — Ma' ġenb il-Bażilka tat-Twelîd, f'Betlehem, insâbu taħt l-art għadd ta' qwieni, jew katusi tal-ħaġar, imdaħħla f'xulxîn, tûl ta' ħmistaxer metru. Jinħaseb li dan hu xogħol ta' qabel ir-Rumâni, u kien jaqdi biex jittieħed l-ilma mill-Menqiet ta' Salamûn għal Ġerusalem. Fis-sena 1940, insâb ukoll fdal ta' dal-qana qrib id-Dejr ta' Mar Iljâs, fit-trîq bejn Ġerusalem u Betlehem, u fis-sena 1951 insâb fdal tiegħu wkoll qrîb il-qabar ta' Rakel. Ħdejn il-menqiet ta' Salamûn insab bîr Rumân li ġewwa fih hemm kitbiet bil-Latin.

**Inqaqar u teftif** — Fil-Ġordanja bħal issa, jinsâbu 1,143 skôla, li fihom jitgħallmu 192,551 ruħ, żgħażagħ u tfâl, li jgħallmuhom 5,925 għalliema, irġiel u nisa — Xirka Olandiża ħallset għoxrin elf lira sterlina (20,000) biex kisbet il-jedd minn għand il-Ħakma Ġordanija li tifli u xxandar Manuskritt mill-Manuskritti li nsabu f'Qumrân, fil-għâr Nru. 11, ħada l-Baħar il-Mejjet — Wieħed Lħûdi mill-Kanada irîd jâgħti miljûn gorda (dollar) Kanadiża lill-Ħakma Israelija biex bihom jinbena Mużew fejn jirtefgħu l-fdalijiet tal-qedem li jinsâbu f'dîk l-art, bix-xart jew *kondizzjoni* li dal-Mużew jissemma bl-isem ta' Samuel Bronfman — Xirka Amerikâna jisimha "Hilton" bi ħsiebha tibni Lukanda f'Tel-Aviv li jkun fiha 450 kamra b'nefqa ta' 8,500,000 gorda — Il-Kanada fis-sena li għaddiet (1916) bagħtet 241,610 gordi għall-għajnuna tan-nies bla dâr li hemm fil-Palestina.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

SLIEMA — Eduard Overend, Peter Falzon. Maria Rosa Vassallo, Dolores Azzopardi, Joe Fiorini, Michele Fiorini, John Agius Fernandez.

SAN ĠILJAN — Ġuża Schembri, Ġannikola Schembri, Grezja Benns, Mary Benns, Eduardo Scicluna, Antonio Ellul, Joseph Bartolo, Josephin Bartolo, Lucy Farrugia, Emma Cousin, Ġużeppi Parnis, Lorenzo Scicluna Mary Cassar.

CASAL PAOLA — Familja Micallef, Carmelo Cassar, Carmela Grech, Ġovanni Caruana, Cajetano Abdilla, Catarina Abela, Salvatore Grech, Marija Grech, Roża Grech, Domenico Abela, ManwelaZammit, Konċetta Zammit, Marjanna Borg, Salvatore Rapid, Lora Darmanin, Ġużeppi Darmanin. Catarina Darmanin, Feliċa Darmanin, Ġovanni Robinic, Anna Maria Robinic, Monsinjur Ġovanni Formosa, Familja Vella, Ġino Cassar, Franz Farrugia, Manuele Farrugia, Vittoria Lepre, Daniele Lepre, Ġovanni Lepre, Teresa Griol, Lorenzo Griol, Catarina Sciberras, Carmela Sciberras, Ġuseppi Sciberras, Manuele Sciberras, Charles Song, Anna Song, Paolo Seguna, Franċesco Seguna, Carmelo Livori.

MARSAXLOKK — Katarina Caruana, Ġużeppi Caruana, Consiglio Caruana, Angelo Cafa.

MOSTA — Paolo Bellia, Ġovanni Muscat, Maria Muscat, Pietru Grech, Karmela Grech, Karmela Chetcuti, Pawlu Callejja, Tereża Bonniċi, Ġuża Bonniċi, Ġovanna Tonna, Santu Tonna, Ġovanna Mifsud, Ġuża Mifsud, Karmela Frendo, Ġużeppi Frendo, Speranza Frendo, George Calleja Franz Calleja, Elena Calleja, Ġużeppi Buhagiar, Veneranda Buhagiar, Manuela Buhagiar, Nicola Buġejja, Anna Buġejja, Ġovanni Pisani, Bibiana Agius, Manuele Camilleri, Agostino Catania, Carlo Azzopardi, Franċesco Fenech, Carmela Camilleri, Familja Borg Camilleri, Ġużeppi Vella Tereża Vella, Carmelo Sciberras, Anna Sciberras, Antonio Borg, Marija Borg, Familja Feliċe, Ġammaria Fenech, Maria Fenech, Joe Fenech, Karmelo Fenech, Karmelo Mifsud, Ġovanni Deguara, Antonio Zahra, Maria Muscat, Marianna Schembri, Filomena Schembri, Antonio Bebbina.

BALZAN Manuele Xerri, Ġuża Xerri, Karmela Xerri, Anġela Xerri, N. Mangion, G. Mangion, Antonio Gatt, M. Gatt, Rożina Gatt, M. Scicluna, Tereża Fenech, Tommaso Fenech, Ġuża Vella, Ġużi Vella, Antonio Cauchi, Tereża Montfort M. Montfort, A. Camilleri, Salvu Bellizzi. Annunzjata Bellizzi, K. Maddalena Marija, Salvu Schembri, Karmelo u Dolores Briffa.

*Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*